MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1874/2001/1

**VAB & Company Limited.**

**-vs-**

**Kummissarju tal-Artijiet.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet:

Illi s-socjeta esponenti giet notifikata b'ittra ufficjali li ggib id-data tas-16 ta' Novembru 2001, li permezz taghha l-intimat talab lis-socjeta esponenti thallas s-somma ta' erba u sebghin elf seba mija tlieta u hamsin liri, hames centezmi,

{LM74,753.05} in kwantu ghall-wiehed u tletin elf erbgha mija wiehed u tmenin liri maltin u sebghin centezmi {31,481.70} arretrati ta' cens ghas-snin 1989 sat-30 ta' Lulju 1997, u tlieta u erbghin elf u mitejn liri maltin {LM43,200} cens ghall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 1997 sat-30 ta' Jannar 2001.

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari in-nullita tal-att odjern stante li ma jikkonformax mar-rekwisiti tal-Ligi.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel sottomissjoni preliminari sollevata, it-talba kif dedotta hija in parti preskritta.

Is-socjeta' esponenti tirrikonoxxi li l-ammont ta' tlieta u erbghin elf u mitejn liri maltin {LM43,200} huma fil-fatt dovuti.

Ghaldaqstant, is-socjeta esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tal-intimat kif dedotta hija wahda infondata u mhuwiex dovut l-ammont mitlub almenu fl-intier tieghu u almenu hu ammont inqas minn dak rikjest, u dan kollu skond dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet li permezz taghha espona bir-rispett:

Illi a tenur tal-artikolu 446 (3) tal-Kap 12 tal-Kodici u l-Organizzazzjoni u Procedura Civili l-intimat qed jipprezenta r-risposta tieghu.

Illi l-allegazzjonijiet mressqa mis-socjeta rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok l-att odjern jikkonforma mal-ligi.

Illi fit-tieni lok l-ammont ta' Lm31,481.70 m'humiex preskritti, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali kollha.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher ir-rikorrenti qed jattakkaw l-effikacja tal-ittra ufficjali mibghuta mill-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet li skond l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 irendi t-titolu pretiz minnu esegwibbli.

Ir-rikorrent qed iressaq zewg kawzali – wahda li l-att in kwistjoni u cioe' l-ittra ufficjali hija nulla ghal iex ma hijiex konformi mal-Ligi u li parti mill-ammont mitlub mill-intimat hija preskritta.

Sfortunatament is-socjeta' rikorrenti ma ndikatx ghaliex l-att hu null u lanqas ma ndikat taht liema Artikolu qed jinvokaw il-preskrizzjoni.

Fir-rigward ta' l-ewwel lanjanza il-Qorti ma tistax tiddeciedi hi liema raguni qed igibu r-rikorrenti biex l-att jigi dikjarat null. Ghalhekk, ghalkemm ix-xhud Dr Fenech, meta xehed ghamel enfasi dwar l-indirizz tas-socjeta' rikorrenti, il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba kif proposta.

Fir-rigward tal-preskrizzjoni il-Qorti ghandha l-istess problema. Kif gie ritenut fil-kawza deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003 mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) Aquilina vs Friggieri,

*L-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili huwa ghalhekk imperanti anke f'dan il-kaz u t-Tribunal (ghat-Talbiet Zghar) ghamel sewwa li ma kkonsidraw l-eccezzjoni galadarba din ma kienitx specifikata. Kif pacifikament akkolt f'bosta decizjonijiet il-Qorti ma tistax taghti effetti ghall preskrizzjoni jekk ma tigix eccepita*

*… u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha.*

Fil-kawza fl-ismijiet Portelli vs Psaila (Prim'Awla) deciza fid-29 ta' Mejju, 2003 intqal;

*Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap. 16 il-Qorti hija marbuta li tqis il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti) ghaliex il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissuplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.*

Bl-istess mod giet deciza il-kawza fl-ismijiet Dr C Farrugia nomine vs Registratur tal-Qorti Civili fejn anke hawn l-attur nomine kien qed jattakka ittra ufficjali mibghuta taht l-Artikolu 466 tal-Kap. 12, fejn gie ritenut illi l-Qorti *hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-parti….*

Naturalment hafna drabi dawn il-brani jirreferu ghal eccezzjoni tal-konvenut izda ma hemm ebda raguni ghaliex dan ma ghandux japplika bl-istess mod ghal kaz in ezami fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ir-rikorrenti kienu kostretti jibdew il-procedura huma. Ir-rikorrenti jistghu forsi jilmentaw li l-intimat ma eccepiex dan specifikament izda ladarba l-Qorti ma tistax tindaga liema preskrizzjoni qed jissolevaw l-atturi bil-fors ikollha tichad it-talbiet taghhom.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif proposti, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------